REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1093

tal-24 ta' Lulju 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi bejn il-31 ta' Marzu 2025 u s-27 ta' Diċembru 2028

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 ([2]) jalloka l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi lil Stat Membru relatur u lil Stat Membru korelatur, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid. Billi l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi bejn il-31 ta' Marzu 2025 u s-27 ta' Diċembru 2028 għadha ma ġietx allokata lil Stat Membru relatur jew lil Stat Membru korelatur, jixraq li din l-allokazzjoni ssir.

(2) Jenħtieġ li dik l-allokazzjoni ssir b'tali mod li jinkiseb bilanċ fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-ħidma bejn l-Istati Membri.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 tas-26 ta' Lulju 2012, li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi (ĠU L 200, 27.7.2012, p. 5).

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat kif ġej:

Tiżied il-Parti D li ġejja:

"Parti D

L-allokazzjoni tal-evalwazzjoni ta' sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi bejn il-31 ta' Marzu 2025 u s-27 ta' Diċembru 2028

Sustanza attiva	Stat Membru Relatur	Stat Membru Korelatur
Alfa-ċipermetrin	FR	AT
Ir-razza D747 tal-*Bacillus amyloliquefaciens subsp. plantarum*	NL	SK
Ir-razza MBI 600 tal-*Bacillus amyloliquefaciens*	NL	SK
Ir-razza NPP111B005 tal-*Beauveria bassiana*	BE	RO
Ir-razza 147 tal-*Beauveria bassiana*	BE	RO
Bentażon	PL	EL
Taħlita Bordeaux	IT	PL
Kromafenożid	CZ	MT
Idrossidu tar-ram	IT	PL
Ossidu tar-ram	IT	PL
Ossiklorur tar-ram	IT	PL
Ċjantraniliprol	ES	FI
Fenpikossammid	SE	BG
Flupiradifuron	EL	PL
Gamma-ċjalotrina	DE	ES
Ħalauksifen-metil	HU	SE
Isofetammid	PT	IE
Mandestrobin	SE	NO
Meptildinokap	HR	DE
Metossifenożid	FR	HU
Ir-razza NRRL Y-27328 tal-*Metschnikowia fructicola*	NL	HR
Oksatijapiprolin	NO	CZ
Pinoksaden	FI	BE
Propiżammid	DK	DE
Reskalur	IE	PT
Sulfoksaflor	AT	ES
Taħlita ta' terpenojdi QRD 460	FR	DK
Sulfat tar-ram tribażiku	IT	PL"